# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330

TEL: 21665500

email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 10-14

**Data:** 22 ta' Settembru 2014

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

Dorianne Micallef (Ambaxxatriċi) – ġiet skużata minħabba li kienet ma tiflaħx

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Awwissu 2014.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Christopher Bruno.

3. **Korrispondenza;**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop spjegat il-beneficcji tal-laqgħa li kellha mall-Kumpanija 'Lornit', fejn dawn tal-aħħar qegħdin joffru servizz elettroniku li qegħdin jibbenefikaw minnu ċertu Kunsilli f'Malta. Din is-sistema tintuża l-iktar biex tiffaċilita ix-xogħol tal-permessi.

Il-Kunsill qabel li din is-sistema għandha tinżamm f'moħħna għal meta jiżdied l-ammont ta' permessi fis–snin li ġejjin minħabba illi bħalissa is-sistema li qed tintuża il-Kunsill hija waħda tajba u effiċjenti.

3.2 Is-Sindku spjegat illi ser tkun qed tiltaqgħa mas-Sinjura Therese Piscopo mill-Health Care Department, fejn dawn tal-aħħar saqsew fuq is-servizzi li bħala Kunsill noffru fil-Berġa li għandhom x'jaqsmu mal-Health Care, kif ukoll is-sindku ser tkun qegħda issawwarhom aħjar fuq il-post. Din il-laqgħa ser tkun waħda ta' ġid minħabba anke forsi jintlaħaq ftehim mad-dipartiment fuq għajnuna finanzjarja kif ukoll xi servizzi ġodda li jistgħu jibbenefikaw minnhom aktar residenti.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill fuq email li irċeviet minn naħa tal-MCST fejn spjegaw aktar xhinu jsir attwalment fis–sit tal-proġett. Is-Sindku ser tkun qed isejjaħ laqgħa ma dawn l-istess nies biex b'hekk l-ispjega tkun ferm ahjar. Fl-email hemm spjegat dwar:

- il-permessi ġodda li nħarġu minn naħa tal-Heritage minħabba il-bjar u il-ġibji li hemm preżentament
- żieda ta' dawl fuq suġġeriment tal-Kunsill aktar kmieni din is-sena
- kif ukoll tranġarr tal-ħajt provizzorju fuq ilmenti tar-residenti.

3.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'talba li 'rċeviet minn għand resident għaċ-ċwievet taċ-ċimiterju li hemm fi Triq il-Missjoni Taljana minħabba il-fatt li dan l-istess resident irid jidħol filgħaxija biex ikun jista ikaħħal dan il-ħajt minn wara li jiġi ukoll l-appoġġ minn naħa tal-għalqa tiegħu qabel ma tibda ix-xitwa.

Il-Kunsill kollu qabel illi minħabba illi dan iċ-ċimiterju jaqa taħt il-Gvern Ċentrali dan l-istess resident għandu jagħmel it-talba lilhom dirett minħabba il-fatt ta' sigurta.

Is–Sindku ser tkun qegħda tiċċekja ma' din l-istess residenta w anke ser tkun qed toffrila l-għajnuna tal-Kunsill biex tagħmel din it-talba għaċ-ċwievet formalment lid-Dipartiment tal-Gvern.

3.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ir-risposta li 'rċevejna bħala Kunsll minn naħa tat-Transport Malta fuq it-talba li kienet saret fil-minuti preċedenti minn naħa tas-Sinjura Maria Sultana (Kunsilliera) fuq Triq Rinella biex issir One Way. Ir-Risposta kienet waħda fin-negattiv.

Il-Kunsill kollu baqa jisħaq illi din hija triq perikoluża immens aktar u aktar meta hemm dawn il-punti li ġejjin li wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni taghhom qabel ma tittieħed deċiżjoni finali fuq din l-istess triq:

- blind corner in-naħa ta' fuq ta' din it-triq,
- hemm bżonn ta' passaġġ għan-nies li jkunu għaddejin bil-pass
- resdienti sewwieqa ilhom żmien jilmentaw li hemm bżonn li ssir one way minħabba il-fatt illi kemm il-darba kienu ser iweġġgħu in–nies fuq negliġenza ta' sewqan

dawn il-punti ser ikunu qegħdin jiġu mibgħutin lura lil-Transport Malta biex terġa tiġi ikkonsidrata ir-risposta tagħhom.

Is-Sinjura Maria Sultana uriet id-diżappunt tagħha rigward il-fatt illi hija semgħat minn nies illi din mhux ser tiġi aċċetata bħala 'One Way' minn qabel aħna bħala Kunsill kellna ir-risposta formali minn naħa tat-Transport Malta, minħabba il-fatt illi xi uffiċjali ta' l-istess Dipartiment iltaqgħu ma xi nies meta kienu fuq il-post jiċċekjaw din it-triq u qalulhom fil-post li din it-talba mhux ser tkun qed tiġi milqgħuwa.

3.6 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ilment li rċeviet mingħand residenta li toqgħod fi Triq Santu Rokku. Din l-istess residenta saħqet illi hemm 'Parking Bay' faċċata tal-garaxx tagħha li meta jkun hemm karozza ipparkjata hija ma tkunx tista iddur mill-garaxx tagħha għal triq bit–trakk. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qegħdin jiċċekjaw dan l-ilment biex insibu soluzzjoni mingħajr ma jitnaqqas Parking Bay fl-istess triq.

3.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar tweġiba li rċevejna minn naħa tal-'Commerce Department' fuq ilment li ressaq il-Kunsillier Vince Bongailas fil-minuti preċedenti dwar garaxx li jinsab fi Triq l-isptar Navali. Dan il-garaxx m'għandu l-ebda liċenzja kummerċjali u għandu allokat reserved parking quddiemu illi qed ikun ta' tfixkil għar-residenti li joqgħodu f'dawn l-inħawi. Din it-tweġiba ser tkun qed tintbgħat permezz ta' email mis-Segretarju Eżekkutiv lil Transport Malta biex jigwidawna bl-aħjar soluzzjoni rigward dan ir-reserved mingħajr ma noħolqu inkonvenjent lil ħadd.

## 4. Komunikkazjoni tas-Sindku

4.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar il-ħsara li saret fil-kompjuter li jintuża mill-'accountant' għal xogħol relatat mal-finanzi tal-Kunsill, fejn ġew imqabdin 'technicians' jirrangaw dan l-istess kompjuter kif ukoll jinstallaw sistema mill-ġdid. (Sage)

4.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi wara l-ilmenti kollha li rċieva il-Kunsill fuq il-parkeġġi il-ġodda skond l-approvazzjoni tat-Transport Malta fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, u wara li intbgħatu ittri lin-nies biex inkunu nafu il-maġġoranza tar-residenti f'din l-istess triq, il-maġġoranza ivvotat favur dawn il-parkeġġi li saru u għalhekk ser ikunu qegħdin jibqgħu hemm permanenti.

4.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar it-Tenders li nħarġu aktar qabel mill-Kunsill stess li ġew evalwati skond il-kriterji miktuba fl-istess dokumenti tat-tenders. Ir- riżultati huma dawn ta' hawn taħt:

Perit : Is-Sur Mariello Spiteri
Avukat : Dr. Joseph Bonnici
Waste Collection : Mr.Saviour Mifsud.
Live Streaming: għadha qed tiġi evalwata

Wara li inqara ir-rapport provdut mill-konsulent il-kunsill unanimament ikkonferma illi it-tenders li it-tenders ghandom jinataw lill dawn il – kuntratturi imsemmija hawn fuq.

4.4 Is-Sindku nfrumat lill-Kunsill dwar il-preparamenti li qed isiru minn naħa tagħha għal-Laqgha Pubblika li ser issir fl-24 ta' Ottubru 2014 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Ser ikunu qegħdin jintbgħatu ittri f'kull residenza , avviżi fuq in-Notice Boards mill-Kunsill kif ukoll intellgħaw l-informazzjoni fuq il-paġna tal-'Facebook' tal-Kunsill biex ir-residenti tal-lokal ikunu jafu u jkollna attendenza tajba.

4.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi ser tkun qed titkellem mal–kuntrattur li jieħu ħsieb id-dawl tal-Kunsill biex isir xi tip ta' dawl temporanju minħabba li qed jiġu ħafna ilmenti fuq nuqqas ta' dawl u li anki qed jaqgħu in–nies.

4.6 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi hemm bżonn ta' aktar vultaġġ għal-bozza li hemm fi Triq il-Missjoni Taljana minħabba li din l-istess bozza mhiex bżżejjed biex turi l-inħawi li qegħda fiha.
Is-Sindku ser tkun qeda tiċċekja l-applikazzjoni li saret fil-passat fuq din l-istess bozza biex b'hekk tiġi irranġata jekk hu dejjem possibli.

5.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi ser tkun qed titlob formalment il-Ministru biex il-ħaddiema li intbgħatu minn naħa tad-Dipartiment jibqgħu magħna għal ftit żmien ieħor minħabba il-fatt illi il-Kappillan talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jitranġaw xi affarijiet tal-Parroċċa.

5.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar kors li ser ikun qed jiġi organizzat minn naħa tal-Kunsill rigward Presepji. Dan ser ikun qiegħed jibda f'Ottubru u ser ikun qed isir kull nhar ta' Ħamis ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Ser tkun qed titwaħħal notifika dwar dan fuq in-Notice Boards kif ukoll l-istess notifika titella fuq il-paġna ta' 'Facebook' tal-Kunsill.

5.9 Is-Sindku nformat lill-Kunsill dwar email li hi bgħatet aktar kmieni dan ix-xahar lil persuni involuti ma' l-artiġġjanat malti bid-data tal-attivita' li ser tkun qed titella mill-Kunsill rigward 'haloween' biex b'hekk nies interessati ikunu jistgħu javviċinaw il-Kunsill u jkollna attendenza ikbar fil-lokal.

Is-Sindku nfurmat ukoll lill-Kunsill dwar karru li xtaqet tagħmel għal din l-istess attivita' tal-'haloween' li dan ser ikun qed jiswa madwar €400. Dan jista jiġi iggaraxjat u jintuża sena wara l-oħra mill-Kunsill. Hija ukoll ser tkun qed tiċċekja li din il-persuna li ser tkun qed taħdmu għandux post biex iżommulna għas-sena d-dieħla minħabba il-fatt li bħalissa m'għandix store tal-Kunsill Lokali.
Il-Kunsill kollu qabel dwar dan .

5.10 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ħarġa li ser tkun qed torganizza aktar tard f'Novembru 2014 għal anzjani u l-familja kollha.

5.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar rapport li kienet ser tkun qed tagħmel mal-Pulizija tal-lokal fuq Triq is-Salvatur għaliex il-karozzi qed jitilgħaw kollha 'wrong way' allavolja hemm sinjal addatat li juri li din l-istess triq hija 'one way'.

5.12 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill fuq il-kwistjoni tad-dgħajjes in-naħa tar-regatta illi bħal kull sena fil-passat id-dgħajjes iridu jitellaw fuq l-art mill-istess sidien.

Is-Sindku u il-Kunsilliera kollha qablu unanimament illi mal-permess li jinħareġ mill- Kunsill għandha tinħareġ notifika fejn tispjega ċar illi jekk għal xi eventwalita id-dgħajjes ikunu iridu jitneħħew minn din il-parti fil-Kalkara, dawn l-istess dgħajjes għandhom jiġu imneħħija immedjatament mis-sidien tagħhom stess, aktar u aktar meta bħalissa għaddej il-proġett minn naħa tal-MCST u f'xi mumenti ikun hemm bżonn li jidħlu f'din l-istess area b'inġenji kbar.

5. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA**

*5.1* ***Vici Sindku-Is-Sur Christopher Bruno***

a. Is-Sur Christopher Bruno saqsa lil Kunsillier Pawlu Bongailas rigward jekk hemmx korsijiet tal-Informatika bħalissa.

Is-Sur Bongailas spjega lil Kunsill illi minħabba il-fatt li l-Kompjuters ser jiġu upgraded mill-MCA ser nagħmlu perjodu mingħajrom u għalhekk ma stajniex norganizzaw l-ebda korsijiet.

b. Is-Sur Bruno tkellem mal-Kunsill dwar proġett li ser ikunu qegħdin jieħdu sehem fih il-Kunsill taż-Żgħażagħ tal-Kalkara. Is-Sur Bruno spjega illi ser ikunu qegħdin jikkompetu ma 8 lokalitajiet oħra fuq 'Food Waste'.

5.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti***

**a.** Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi it-telephone boxes li hawn fil-Kalkara fejn l-iskola, fejn il-Kunsill ukoll fi Pjazza Sagra Familja għandhom jitneħħew minħabba il fatt li huma imkissrin ma jaħdmux u ta' żgombru għan nies passiġiera minn dawn l-inħawi.

**b.** Is-Sinjura Maria Sultana reġgħet saħqet fuq l-ilment taċ-ċint fi Triq Straubenzee li minn naħa tal-Kunsill għandna nagħmlu follow up mal–Pulizija minħabba li aktar ma jgħaddi iż-żmien aktar qed jiġi perikoluż għal karozzi kif ukoll għan nies li jgħaddu minn hemm bil-mixi, minħabba il-fatt li qed jaqa il-ġebel minnu.

**c.** Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi hemm bżonn illi jintbgħat ilment lil Maritime dwar iċ- ċint li qiegħed fit-taraġ San Ġużepp kantuniera ma' Triq Marina minħabba l-fatt li dan il-ħajt qiegħed jaqa. Il-Kunsill għandu jżomm lil persuni inkarigati mill-Maritime responsabbli għal kwalunkwe ħaġa li jinqala minħabba it-twaqqigħ ta' dan il-ħajt.

**d.** Is-Sinjura Maria Sultana ressqet ix-xewqa u kompliet ma dak li 'ntqal fil-minuti preċedenti dwar fondi li nistgħu napplikaw għalijhom fiż-żmien li ġej biex jitrangaw il-bandli tal-Kalkara.

**e.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu ħsieb il-gate li hemm fil-bandli għaliex qed tinqala. Għandha tiġi tranġata kif suppost u mhux ta kaf kaf kif kien qed isir fil-passat.

**f.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex issir talba formali lil Enemalta għal dawl ġdid fi triq li tgħati għal Smart City minħabba id-dlam li qed ikun hemm.

**g.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex is-Segretarja tikteb formalment lil Transport Malta fuq il-Bus Shelter li hemm int u dieħel lejn Smart City (Triq Missjoni Taljana) biex tiċċaqlaq aktar il–fuq fl-istess triq minħabba il fatt li r-residenti ta' dawk l-inħawi qed iqajmu ħafna ilmenti li qed ikollhom iduru id-dawra ta' Smart City qabel ma jiqfu fejn l-inħawi tagħhom.

**h.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-ħaddiema tal-Kunsill jiżbru is–siġar ta' Triq il-Missjoni Taljana mill-aktar fis possibli.

**i.** Is-Sinjura Maria Sultana uriet diżappunt dwar il-mawra tal-Prinċepp f'pajiżna fejn ir-rigal li bħala Kunsill ippreparajna għalih ma ngħatax lilu personali imma ġie mgħoti minn wara il-kwinti.

**j.** Is-Sinjura Maria Sultana ressqet talba li jiġu miżjuda fuq il-paġna tal-Facebbok tal-Kunsill ir-ritratti li hi għandha ta' resident mill-Kalkara b'xogħol ta' ramel li għamel dan is-sajf fil-Bajja ta' Rnella, biex b'hekk nuru it-talent li għandna fil-lokal.

### 6.3 ***Kunsillier-Is-Sur Paul Bongailas***

a. Is-Sur Paul Bongailas talab illi jittieħed ir-ritratt tal-Ambaxxatriċi il-ġdida tal-Kunsill kif ukoll insibu post alternattiv fl-uffiċċju fejn ir-ritratti jiġu tranġati minn sena għal sena.

b. Is-Sur Bongailas talab li jitwaħħlu bins ġodda in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara eżatt ma n-naħa tal-baħar minħabba il-ħmieġ li qiegħed ikun hemm.

c. Is-Sur Bongailas saħaq li hemm bżonn li l-ħaddiema tal-Kunsill iduru dawra l-arblu tal-Kunsill stess minħabba li qiegħed mgħawweġ kif ukoll għandu bżonn tidwira ta' żebgħa.

d. Is-Sur Bongailas saqsa fuq il-flus li bħala Kunsill kellu jirċievi minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali bi skema tal-librerija, għaliex hu ma ġiex infurmat.

Is-Segretarja ikkonfermat li dawn il flus irċevejnihom u l-ħwienet ta' minn fejn inxtraw il-kotba ġew imħallsa minnufih. Is-Segretarja skużat ruħa dwar dan il-fatt minħabba li kienet nesiet tinforma b'dan lil-Kunsillier b'dawn il-flus.

e. Is-Sur Pawlu Bongailas għamel premura illi hemm bżonn li naħdmu bis-serjeta fuq Jum il-Kalkara 2014 għax iż-żmien qiegħed ħafna qrib.

f. Is-Sur Bongailas saqsa lis-Sindku jekk għadhomx jitqassmu ix-xitel lil residenti li talbu tisbieħ fit-toroq.

Is-Sindku spjegat illi ix-xitel qiegħed jintuża f'postijiet aktar komuni bħal pereżempju f'round abouts.

g. Is-Sur Bongailas saqsa lil Kunsill jaqbilx li ma' n-notifiki u kull korrispondenza li jinħarġu mill-Kunsill issir 'footer' fl-istess paġna bl-ismijiet kollha tal-Kunsilliera minbarra il-firma tas-Sindku jew tas-Segretarju Eżekuttiv.

l-Kunsill kollu qabel fuq din it-talba.

h. Is-Sur Bongailas talab lil Kunsill biex japprova illi il-mobile tas-Segretarju Eżekuttiv jibda jitħallas mill-Kunsill minħabba il-fatt li s-Segretarja qeda tuża il-mobile tagħha personali għal fini ta' xogħol anki meta tkun barra minn Malta tibqa tara l-emails kif ukoll iċċempel lil ħaddiema biex tara li kollox ikun għaddej sew mingħajr il-preżenza tagħha.

### *5.3* ***Kunsillier-Is-Sur Vincent Bongailas***

a. Is-Sur Vince Bongailas saħaq li hemm bżonn ta' refreshing fi Triq Sptar Navali (vicin il-bir) tal-yellow line li hemm għax kważi mar għal kollox.

b. Is-sur Vince Bongailas għadda suġġeriment biex isiru 'parking bays' ġodda fi Triq Sptar Navali bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il–ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qegħdin jieħdu ir-ritratti biex is-Segretarju Eżekuttiv tibgħat talba formali lil Transport Malta.

## 6. Attivitajiet Milied 2014.

**Punti imqajjma mill-Kunsilliera dwar l-Attivitajiet tal-Milied fil-Kalkara għas-sena 2014;**

a. Is-Sindku uriet ritratt matul il-laqgha tal-Kunsill biex tispjega aħjar dwar tiżjien ta' awguri li xtaqet li tagħmel għal żmien il-Milied fi 3 postijiet fil-Kalkara li huma:

- fejn il-mina tal-Kalkara(daħla)
- il-Pjazza Sagra Familja
- fi Triq San Leonardu (viċin iċ-ċimiterju tal-ingliżi)

b. Is-Sindku ser tkun qed tkellem il-kuntrattur li jieħu ħsieb id-dawl tal-Kunsill stess biex jiġu tranġati id-dawl li issoltu jinżel mad-dawra tal-palm u s-siġar taż-żebbug li hemm fix-xatt, biex qabel il-Milied jiġu tranġati mod li jsebbħu aktar l-ambjent għal dan iż-żmien.

c. Il-Sindku ser tkun qed tiċċkeja maż-żewġ Każini tal-Banda, jekk għal żmien il-Milied minn naħa tagħhom ikollhomx persuna li jilbes ta' Father Christmas u ikun qiegħed iqassam ir-rigali lit-tfal fit-toroq tal-Kalkara. Jekk minn naħa ta' xi Kazin din diġa issir, il-Kunsill ma jikkunsidrax din issir, minn naħa l-oħra jekk din ma ssirx il-Kunsill ser ikun qiegħed jirranġa biex għal din is-sena it-tfal jiġu mqassmin rigali minn għand din il-persuna imlibbsa ta' Father Christmas.

d. Il-Kunsill kollu qabel dwar il-Christmas Parade li ġiet issuġeriti fil-minuti preċedenti mingħand il-Viċi Sindku Christopher Bruno. Dan tal-aħħar ser ikun qiegħed jagħmel l-arranġamenti kollha bl-għajnuna tal-Kunsillier Pawlu Bongailas. Id-data għal din il-parata ta' mużika u żfin ser tkun fil-11 ta' Diċembru 2014 (filgħaxija)

e. Is-Sindku uriet ix-xewqa tagħha ta' Gospel Choir fil-Knisja tal-Kalkara għal żmien il-Milied minflok il-Kor Parrokkjali li ssoltu jkanta, minħabba li l-Kunsill mhux qiegħed f'pożizzjoni li jħallas iż-żewġ gruppi u biex għal din is-sena tkun qed issir xi ħaġa differenti minn naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill ma qabilx dwar dan minħabba il-fatt li l-Kor Parrokkjali li ssoltu jkantaw huma kollha nies Kalkariżi u mhux sew illi nibdilhom bi grupp barra il-lokal meta dawn il-Kalkariżi ikunu qed jistennew dan iz-zmien biex jagħtu pjaċir lil nies oħra kif ukoll lit-tfal bil-kant tagħhom.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fid-9:15pm u ġiet aġġornata ghal-Erbgha 22 ta' Ottobru 2014 fil-5:30pm.

**Elaine Caruana**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Speranza Chircop**
**Sindku**